

Brussell, 14 ta' April 2021  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0190(COD)**

---

14146/1/20  
REV 1 ADD 1

CULT 93  
AUDIO 66  
CADREFIN 461  
RELEX 1020  
IA 120  
CODEC 1371  
PARLNAT 154

#### **DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' April 2021

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013<sup>1</sup>.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Marzu 2019.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018, filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2019.
4. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali parzjali (artikoli biss)<sup>2</sup>. Fis-17 ta' April 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew (test komplut li jinkludi kemm il-premessi kif ukoll l-artikoli)<sup>3</sup>. Saru erba' trilogi u ntlaħaq qbil proviżorju fl-aħħar trilogu fl-14 ta' Diċembru 2020.
5. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-kompromess finali<sup>4</sup> li rriżulta mit-trilogi.
6. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew approva t-test.

---

<sup>1</sup> 9170/18 + ADD 1.

<sup>2</sup> 15618/18 + ADD 1.

<sup>3</sup> 7526/19.

<sup>4</sup> 13848/20.

## II. OBJETTIV

7. L-objettivi ġenerali tal-Programm huma li jissalvagwardja, jiżviluppa u jippromwovi d-diversità u l-patrimonju kulturali u lingwistiċi Ewropej u li jżid il-kompetittività u l-potenzjal ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari tas-settur awdjoviżiv. L-objettivi speċifiċi jinkludu l-kooperazzjoni fil-livell Ewropew sabiex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' xogħlijiet Ewropej u tissaħħaħ id-dimensjoni ekonomika, soċjali u esterna tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, il-promozzjoni tal-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew, il-kooperazzjoni dwar politika u l-innovazzjoni kif ukoll il-pluraliżmu tal-media u l-litteriżmu fil-media.
8. Il-Programm iżomm l-arkitettura tal-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020) li kien il-predeċessor tiegħu, bi tliet fergħat distinti: fergħa Kultura li tkopri s-setturi kulturali u kreattivi bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, fergħa MEDIA ddedikata lis-settur awdjoviżiv u fergħa Transsettorjali biex tappoġġa azzjonijiet trażversali li jkopru s-setturi kulturali u kreattivi kollha.

## I. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari fuq il-bażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova bħala tali.
10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil fit-trilogi bejn il-koleġżlaturi:

### Kwistjonijiet ewlenin

#### 11. Governanza

Il-Parlament Ewropew kien qajjem tħassib rigward il-governanza tal-Programm, fejn indika x-xewqa tiegħu għal ħarsien minn inizjattivi introdotti mingħajr l-approvazzjoni tiegħu minn qabel matul il-perijodu ta' programmazzjoni. Il-koleġżlaturi qablu li jkun hemm lista magħluqa ta' azzjonijiet fl-Anness I (*Deskrizzjoni tal-azzjonijiet tal-Programm*), li tkun dettaljata ħafna fis-sustanza; il-flessibbiltà b'hekk titpoġġa esklużivament fil-livell tal-implimentazzjoni. Azzjonijiet ġodda jistgħu jiġu introdotti biss permezz ta' proposta biex jiġi emendat ir-Regolament li tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni. Dan jiggarrantixxi l-involviment taż-żewġ koleġżlaturi f'decizzjonijiet politikament rilevanti sakemm idum il-Programm. Il-programmi ta' ħidma jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-Kumitat tal-Programm jinżamm bħala mekkaniżmu ta' kontroll mill-Istati Membri. L-użu ta' atti delegati huwa previst għall-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż emendi għall-Anness II sabiex jiġu rieżaminati jew supplimentati l-indikaturi.

12. Baġit

Il-qbil bejn il-koleġiżlaturi jikkorrispondi għall-pakkett finanzjarju deċiż mill-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-QFP 2021-2027 (EUR 1 842 000 000 fi prezzijiet attwali), supplimentat minn allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 600 000 000 fi prezzijiet tal-2018 (li tirriżulta mill-aġġustament speċifiku għall-programm previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093). Iż-żewġ koleġiżlaturi qablu wkoll li jintuża l-istess mudell għat-tgassim għal kull fergħa kemm għall-pakkett finanzjarju kif ukoll għall-allokazzjoni addizzjonali: mill-inqas 33 % għall-objettiv li jikkorrispondi għall-fergħa Kultura, mill-inqas 58 % għall-objettiv li jikkorrispondi għall-fergħa MEDIA u sa 9 % għall-objettiv li jikkorrispondi għall-fergħa Transsettorjali.

13. Entitajiet li jistgħu jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għal proposta

Meta ddefiniet l-entitajiet eliġibbli biex jipparteċipaw fil-Programm, il-Kummissjoni pproponiet żewġ entitajiet li jistgħu jibbenefikaw minn għotjiet mingħajr sejħa għal proposta: il-European Film Academy (EFA) u l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO). Għalkemm il-pożizzjoni oriġinali tal-Parlament kienet simili għal dik tal-Kummissjoni, bl-EFA inkluża bħala benefiċjarju ta' appoġġ dirett mingħajr kompetizzjoni fil-kuntest speċifiku tal-attività tal-Premju LUX, il-pożizzjoni inizjali tal-Kunsill kienet inqas favorevoli, b'enfasi fuq il-kompetizzjoni ġusta bħala prekondizzjoni għall-aċċess għal finanzjament pubbliku. It-test li jirriżulta min-negozjati ma jipprevedix benefiċjarji magħżula għal għotjiet mingħajr sejħiet għal proposti. Madankollu jinkludi referenza espliċita għall-Premju LUX fost l-azzjonijiet li permezz tagħhom issir ħidma għall-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA (Anness I). Fir-rigward tal-EUYO, it-test a) jagħraf l-istatus speċifiku tagħha fil-premessa (40) u b) jipprevedi l-possibbiltà ta' appoġġ għal dan il-korp fl-Anness I (soluzzjoni simili għal dik identifikata għall-Premju LUX). L-EUYO hija wkoll is-suġġett ta' ittra ta' intenzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni.

#### 14. Kondizzjonijiet ekwivalenti

L-elementi ewlenin li jiddefinixxu l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni li ġiet diskussa b'mod estensiv huma dawn li ġejjin:

- l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "kondizzjonijiet ekwivalenti" esklużivament għall-fergħa MEDIA;
- ir-rikonoxximent tal-ħtieġa li jittieħed kont tad-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv, l-aċċess għal dan it-tip ta' kontenut u x-xejriet relatati mal-konsum tiegħu, u b'mod partikolari, l-ispeċifitàjiet lingwistiċi u ġeografiċi tagħhom;
- l-għan li jiġi appoġġat it-talent Ewropew, kull fejn jinsab, biex jopera fuq livell transfruntier u internazzjonali;
- ir-riflessjoni tal-kunċett ta' "kondizzjonijiet ekwivalenti" f'żewġ indikaturi (li bħala tali jiġbru elementi importanti tal-Programm u jintużaw għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu).

#### 15. It-trattament tas-settur tal-mużika

It-test maqbul jinkludi premessa simplifikata (13) u referenza enfasizzata għas-settur tal-mużika fix-"chapeau" għall-azzjonijiet settorjali taħt il-fergħa Kultura. Konformement ma' dak li ġie propost mill-Kummissjoni, is-settur tal-mużika huwa identifikat bħala s-suġġett ta' tali azzjoni settorjali distinta, flimkien mas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni, l-arkitettura u l-wirt kulturali kif ukoll setturi oħra ta' kreazzjoni artistika bi ħtiġijiet speċifiċi.

16. Inklużjoni

It-test maqbul jinkludi referenza orizzontali ġdida għall-inklużjoni fil-Programm (li tinsab fl-Artikolu 3 - *Objettivi tal-programm*).

**Kwistjonijiet oħra**

17. Il-koleġislaturi qablu li jippreservaw il-logo MEDIA, li s-simbolu viżiv tiegħu ġie inkluż f'Anness ġdid miżjud mat-test.
18. Dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, ir-risultat tan-negozjati jipprevedi li l-pajjiżi terzi kollha li jipparteċipaw fil-fergħa MEDIA u dik Transsettorjali tal-Programm iridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMS). F'każijiet debitament ġustifikati, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jistgħu jibbenefikaw minn deroga minn dan l-obbligu. L-Istati taż-ŻEE-EFTA, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li pparteċipaw b'mod sħiħ fil-Programm 2014-2020 ser jibbenefikaw minn perijodu tranżitorju biex jallinjaw il-liġi nazzjonali tagħhom mad-Direttiva riveduta dwar l-AVMS. Huma biss il-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-fergħa Kultura li jingħataw l-opportunità li jistabbilixxu desk tal-Programm.
19. Diversi dispożizzjonijiet inbidlu biex jiġi żgurat approċċ orizzontali għall-fajls kollha relatati mal-QFP. Huma jikkonċernaw kwistjonijiet bħaż-żieda tad-dewmien tal-Programm fl-Artikolu 1, allinjat mal-iskeda ta' żmien tal-QFP 2021-2027, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, is-Siġill ta' Eċċellenza, il-finanzjament kumulattiv u alternattiv u r-retroattività.

## II. KONKLUŻJONI

20. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntleħaq fin-negożjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat mill-ittra li l-President tal-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-15 ta' Jannar 2021. F'din l-ittra, il-President tal-Kumitat CULT tindika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament il-pożizzjoni tiegħu kif miftehma, hija tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
-